VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,663, 13 ta' Lulju, 2021
Taqsima B

A.L. 289 tal-2021

L-ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2021 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Master of Dental Surgery – M.D.S.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2021 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2014 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Dental Surgery – M.D.S. – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2014 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Dental Surgery – M.D.S. – li ġew ippubblikati bħala Avviż Legali 101 tal-2014, li minn hawn 'il quddiem jissejħu bħala "r-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f' Ottubru, 2021 jew wara, ħlief għar-regolament 5 li għandu japplika mill-1 ta' Lulju, 2021 'il quddiem.

L-Emenda għar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

3. Il-paragrafu (4) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (3) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali:

"(4) L-applikanti li għandhom il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) mill-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri fid-Dental Hygiene jew fid-Dental Technology jistgħu japplikaw ukoll."

4. Il-paragrafu (4) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (5).

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Emenda għar-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali

5. Minflok ir-regolament 12 tar-regolament prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**Il-Konsegwenzi tal-Irtirar mill-Kors**

12. Meta student jirtira mill-Kors b'għażla tiegħu jew għax ma jkunx eliġibbli biex jipproċedi aktar skont dawn ir-regolamenti,

(a) jekk l-istudent ikun kiseb tal-anqas 60 krettu, għandu jingħata d-Diploma in General Studies (Dip. Gen.St.);

(b) jekk l-istudent ikun kiseb tal-anqas 120 krettu, għandu jingħata il-Higher Diploma in General Studies (H.Dip. Gen. St.);

(ċ) jekk l-istudent ikun kiseb tal-anqas 180 krettu fil-Kors u jkunu skont id-definizzjoni ta' grad ta' Baċellerat fil-paragrafu (4) tar-regolament 3 tar-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, l-istudent jista' jitlob biex jingħata l-grad ta' Bachelor in General Studies (B.Gen.St.); u

(d) f'kull każ, l-istudenti li jingħatalhom rikonoxximent bis-saħħa ta' dan ir-regolament wara li jkunu abbandunaw Kors għar-raġuni li kienu ineliġibbli li jkompluh, ma jkollhomx dritt li jerġgħu jiddaħħlu biex ikomplu l-istudji tagħhom fl-istess Kors."